**IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur**

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tlieta, is-7 ta’ Frar 2023**

**Talba numru 255/2022 SFJ**

**MARGARET SAMMUT (KI 0211464 M)**

**VS.**

**CLAUDIO BAJJADA (KI 0420279 M)**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fil-31 ta’ Awissu 2022 li permezz tiegħu l- attriċi ippremettiet u talbet:

> “*Illi l-esponenti hija s-sid tal-propjeta’ li tinsab fl-indirizz ‘Victoria, Flat 2, Triq il-Magħsar, Burmarrad, San Pawl il-Baħahr;*
>
> *Illi l-esponenti w l-intimat daħlu f’kuntratt ta’ kirja datat 7 ta’ Diċembru 2020;*
>
> *Illi dan il-kuntratt ġie fi tmiemu fl-1 ta’ Jannar 2022;*

*Illi wara li l-intimat telaq mill-post mikri lilu, l-esponenti ndunat illi hu kien ikkawża diversi ħsarat fil-fond;*

*Illi minn barra dan, l-intimat ma kienx ħallas għall-konsum tad-dawl u l-ilma, u li l-esponenti spiċċat kellha tħallas kont li ammonta għal Eur840.43 (Tmien mija w erbgħin ewro w tlieta w erbgħin ċenteżmu);*

*Illi minjekka li l-esponenti nterpellat lill-intimat biex jersaq amikevolment, biex jissalda dan il-kont, flimkien mad-danni ulterjuri li sofriet l-esponenti, frott tan-negliġenza u t-traskuraġni tal-intimat, huwa baqa' inedjapjenti;*

*Illi l-intimat baqa' inedjapjenti wkoll wara li ntbagħtet ittra datata 9 ta' Marzu 2022;*

*Illi l-esponenti intavolat ukoll mandat ta' sekwestru kawtolatorju fil-konfront tal-intimat;*

*Illi minkejja dan kollu l-intimat baqa' inadjepjenti u m'għamel l-ebda tentattiv biex wasal għal xi ftehim; Għalhekk, in vista tas-suespost, ir-rikorrenti titlob lil din l-Ogħla Tribunal sabiex:*

1. *tiddikjara li l-intimat huwa debitur tar-rikorrenti, kemm ghal dan li jirrigwarda d-danni kkawżati minnu kif ukoll għall-konsum tad-dawl u l-ilma;*

2. *Tistabbilixxi w tillikwida ikkorrendu permezz ta' periti nominandi il-ħsara li sofriet l-esponenti fil-propjeta' tagħha;*

3. Tikkundanna u tordna lill-intimat biex iħallas dan l-ammont likwidat skont it-tieni talba, lill-esponenti;

4. Tiddikjara li l-intimat kien moruż fil-ħlas tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma, u dan fl-ammont ta' *Eur840.43 (Tmien mija w erbgħin ewro w tlieta w erbgħin ċenteżmu);*

5. *Tikkundanna u tordna lill-intimat biex iħallas dan l-ammont lill-esponenti, bl-ispejjes ta' dawn il-proċeduri w bl-imgħax kontra l-istess intimat li hu, min issa, inġunta s-subizzjoni.*

*Illi għal kull fini, l-attriċi kienet iddikjarat illi qed tillimita t-talbiet tagħha għall-massimu tal-kompetenza ta' dan it-Tribunal.*

It-Tribunal osserva illi l-konvenut kien ġie nnotifikat fid-9 ta' Settembru 2022 u mill-Atti tal-Proċess jidher li ma kenitx ġiet ippreżentata l-ebda risposta skont il-Liġi. Jidher ukoll illi l-intimat lanqas biss deher fis-seduta li ġew miżmuma minn dan it-Tribunal**.**

**<u>Provi mressqa u konsiderazzjonijiet tat-Tribunal</u>**

Nhar l-4 ta' Ottubru 2022, il-Kawża kienet ġiet diferita minn dan it-Tribunal għat-8 ta' Novembru 2022, għall-provi kollha tal-attriċi. Infatti, fit-8 ta' Novembru 2022, l-attriċi Margaret Sammut xehdet bil-Malti w bil-ġurament u l-istess Tribunal ħa konjizzjoni tax-xhieda tagħha. Il-kawża ġiet diferita għall-10 ta' Jannar 2023, fejn l-istess konvenut reġa' ma dehrx u l-attriċi ppreżentat Affidavit, li ġiet immarkata bħala MS1 u li wara din id-data, it-Tribunal iddiferixxa s-sentenza.

It-Tribunal josserva li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tal-attur da parti tal-konvenut iżda kontestazzjoni tal-istess. Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut. Dan ġie referut b'varji Sentenzi mill-Qorti, u speċjalment ukoll reċentament f'sentenza mogħtija mill-Onorevoli Mħallef Christian Falzon Scerri, nhar it-18 ta' Novembru 2022, rikors 1090/21 (ara ***<u>Salvatore Batiato u Emanuela Graziella Vannella vs. Alessandro Mercieca)</u>***, fejn l-Imħallef iddikjara illi *'l-Grad tal-prova li l-atturi kellhom jilħqu huwa dak li biżżejjed iniżżel ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant, li tkun indotta mill-preponderanza tal-provi meqjusa fuq bilanċ ta' probabilitajiet'.*

Illi f'din il-kawża, it-Tribunal kellha tirreferi għax-xhieda kif ukoll l-Affidavit tal-attriċi Margaret Sammut.

Illi skont l-Affidavit u x-xhieda tas-sinjura Sammut, kif ukoll l-irċevuti kollha li ġew preżentati, jidher illi l-attriċi sofriet, bħala ħsarat, l-ammont ta' EUR1213.02 (Elf, mitejn u tlettax il-ewro, w żewġ ċenteżmi), u dan kif jirriżulta mill-istess irċevuti.

Barra minn hekk, jidher ukoll mill-provi prodotti, illi l-attriċi għandha tieħu wkoll mingħand il-konvenut, l-ammont ta' EUR840.43 (tmien mija w erbgħin ewro w tlieta w erbgħin ċenteżmu), li huwa ħlas ta' kontijiet tad-dawl u l-ilma.

Wara li t-Tribunal ra d-dokumentazzjoni relattiva, li jinkludi anki l-Affidavit u x-xhieda tal-attriċi, u għalhekk sema' lill-istess attriċi tixhed quddiem dan it-Tribunal, ma jsibx diffikulta' li jikkonkludi li l-attriċi timmerita li tieħu l-ammont hawnhekk indikati.

**<u>Deċide</u>**

Fid-dawl tal-fatt tax-xhieda kif ukoll tad-dokumentazzjoni ppreżentata, it-Tribunal jaqta' w jiddeċiedi din l-azzjoni billi:

1. Jilqa’ l-ewwel talba tal-attriċi w jiddikjara illi l-intimat huwa debitur tar-rikorrenti, kemm għal dak li jirrigwarda d-danni kkawżati minnu, kif ukoll għall-konsum tad-dawl u l-ilma;
2. Jillikwida d-danni rikjesti billi jirreferi għall-irċevuti stess li ppreżentat l-attriċi, li jammontaw għal EUR1213.02 (Elf, mitejn u tlettax il-ewro w żewġ ċenteżmi);
3. Jikkundanna w jordna lill-intimat sabiex iħallas dan l-ammont skont it-tieni talba hawn fuq indikata;
4. Jiddikjara li l-intimat ukoll kien moruż fil-ħlas tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma u dan ukoll fl-ammont ta’ EUR840.43 (Tmien mija w erbgħin ewro w tlieta w erbgħin ċenteżmu);
5. Tikkundanna w tordna lill-intimat sabiex iħallas dawn iż-żewġ ammonti, jiġifieri total ta’ EUR2053.43 (Elfejn u tlieta w ħamsin ewro w tlieta w erbgħin ċenteżmu) lill-esponenti, bl-ispejjes ukoll ta’ dawn il-proċeduri, kif ukoll l-imgħaxx kontra l-istess intimat, kif mitluba fl-Avviż;

It-Tribunal jikkundanna wkoll lill-konvenut sabiex iħallas ukoll l-ispejjes  tal-mandat ta’ sekwestru hawn ukoll referut.

**Avv. Juliana Scerri Ferrante**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**